MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2007

Numru 397/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND CASSAR**

**KONTRA**

**MARTIN FRANK DEBATTISTA**
**MARK ANTHONY VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Martin Frank Debattista ta' 20 sena, bin Giovanni u Josephine nee' Mercieca, imwieled San Gwann fil-11 ta' Novembru, 1986, residenti fil-fond imsejjah Bienvenida, 13, Triq il-Qasab, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 508886M;
U Mark Anthony Vella ta' 16-il sena, bin Anthony u Mary Anne nee' Magro, imwieled Tal-Pieta' nhar is-16 ta' Frar, 1990, residenti fil-fond numru 51, Papillon, Triq l-Ewwel ta'

Mejju, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 108490M;

Akkuzati talli:

1. Nhar it-22 ta' Jannar, 2007 u fix-xhur ta' qabel, f'hinijiet differenti, ikkommettew serq ta' hwejjeg minn diversi hwienet f'Tas-Sliema, u fil-Belt Valletta, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-dannu ta' diversi persuni;

2. U talli fl-istess zmien, f'hinijiet differenti f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtraw u/jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun iddahhlu f'dawn il-Gzejjer biex ibieghuhom jew imexxuhom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00);

**Lil Martin Frank Debattista wahdu**:

3. Talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Anthony Vella LL.D., nhar l-1 ta' Marzu, 2006, liema sentenza saret definittiva u li ma tistax tigi mibdula.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidraw din l-ammissjoni taghhom.

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 279(a), 334, 49, 50, u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni (2) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1), u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Inoltre, ir-recidiva fil-konfront

tal-imputat Debattista tirrizulta biss fl-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u mhux taht l-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Martin Frank Debattista hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll issib hati lil Mark Vella, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------